MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1382/2002/1

**Louis Camilleri**

**vs**

**C.B.A. Oilfield Services Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) jew somma ohra verjuri rappresentanti hlasijiet dovuti lill-attur ghal xoghol ezegwit mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, liema debitu huwa rikonoxxut permezz ta' skrittura datata 2 ta' Mejju 1998 (Dokument A anness ma'l-avviz).

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-notifika maghmula lis-socjeta konvenuta gewwa l-indirizz 75, Republic Street, Victoria, Gozo maghmula fil-21 ta’ Jannar 2003 u n-nota ipprezentata minn Dennis Borg fil-5 ta’ Frar 2003 fejn huwa ikkonferma bil-gurament illi l-indirizz indikat hija id-dar ta-residenza tieghu u huwa ma ghandu xejn x’jaqsam mas-socjeta konvenuta u li dan qatt ma kien l-indirizz tal-kumpanija.

Ra d-dokument esebit a fol.30 tal-process mahrug mir-registry of Companies minn fejn jirrizulta illi r-registered office tas-socjeta konvenuta huwa dak ta’ Superior, Flat 2, Victory Flats, Victory Street, Gzira.

Sema x-xhieda ta’ Dennis Borg tat-2 ta’ Mejju 2003 fejn huwa ta ruhu b’notifikat ghan-nom tas-socjeta konvenuta bl-avviz tat-talba.

Ra r-risposta ipprezentata fil-15 ta’ Mejju 2003 minn Dennis Borg f’ismu proprju. Ra illi l-imsemmi Dennis Borg f’ismu proprju ma huwiex parti fil-kawza u ghalhekk t-Tribunal ma huwiex qed jiehu konjizzjoni ta’ din ir-risposta.

Ra illi s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma ipprezentatx r-risposta taghha skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta’l-attur, ta’ Alfred Caruana, Grace Camilleri u ta’ Dennis Borg.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-attur kien ghamel xi xoghol fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta gewwa l-Libya, u dana fil-perijodu ta’ bejn il-5 ta’ April 1994 sat-30 ta’ Gunju 1994 u mill-31 ta’ Lulju 1994 sat-30 ta’ Settembru 1994. Ghal dana x-xoghol huwa baqa’ ma thallasx ghajr ghal Lm250 li kien irceva minn ghand Dennis Borg u ghalhekk jiddikjara illi ghad fadal bilanc dovut lejh ta’ Lm1500.

Jirrizulta mill-atti tal-kawza, illi s-socjeta konvenuta hija kumpanija registrata hawn Malta (Dokumenti a fol.30 sa 40 tal-process u xhieda ta' Dennis Borg) u hija registrata ukoll gewwa Tripli l-Libya. L-operat taghha isehh gewwa l-Libya u l-kumpanija Malta kienet giet imwaqqfa sabiex tiehu hsieb il-hlas ta'l-impjegati.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi s-socjeta konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont mitllub mill-attur fl-avviz u ghalkemm hemm dokumenti li jindikaw illi ma hemmx aktar pendenzi ma'l-attur, madanakollu jirrizulta illi dana sehh mhux ghax is-socjeta konvenuta ghaddiet il-flus direttament lill-attur, izda ghaliex hija kienet inkarigat lil Dennis Borg sabiex jiehu hsieb jaffettwa l-hlasijiet kollha li kienu ghadhom dovuti. Dennis Borg madanakollu jikkonferma fix-xhieda tieghu illi wara li effetwa il-hlas tad-dejn tal-kumpanija, kien ghad fadal biss Lm250 u dawna ghaddiehom lill-attur. Ghalhekk il-bilanc ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500), bl-imghaxijiet legali

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------